MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Numru 695/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs.**

**Joseph Francis Scerri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat fit-2 ta' Mejju 2013 minn David Borg Hedley bhala *General Manager* in rapprezentanza ta' FexServ Financial Services Limited.

Rat illi Joseph Francis Scerri gie notifikat bir-rikors imsemmi u li r-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta talum.
Rat id-decizjoni **Il-Pulizija vs. Joseph Francis Scerri** deciza fil-25 ta' Ottubru 2012.

Semghet, fis-seduta tallum, li Joseph Francis Scerri kien ghadu ma hallas l-ammont li gie kundannat ihallas fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Francis Scerri** deciza fil-25 ta' Ottubru 2012.

**Ikkunsidrat**

Illi l-hati Joseph Francis Scerri naqas milli jhallas l-ammont li gie kundannat ihallas fid-decizjoni moghtija fil-25 ta' Ottubru 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Francis Scerri** u dana minkejja li nghata zmien biex jaghmel dan fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012.

Illi, ghaldaqstant, Joseph Francis Scerri ma halla l-ebda alternattiva lill-Qorti hlief li ggib fis-sehh id-decizjoni moghtija fil-25 ta' Ottubru 2012.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, peress li hija sodisfatta li l-hati Joseph Francis Scerri naqas li jikkonforma ruhu mad-direttiva taghha moghtija bis-sahha ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat Artikoli 28A u 28H(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tal-hati Joseph Francis Scerri fil-25 ta' Ottubru 2012 ghandha tibda ssehh.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------